

A b b o z z

DIGRIET

tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka

ta' 2024,

li jemenda d-Digriet Nru 537/2011 tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka, li jistipula dettalji dwar ir-rekwiżiti għall-arranġament ta' faċilità għall-produzzjoni tal-alkoħol, it-tagħmir għall-ipproċessar tal-alkoħol, il-ħżin tal-alkoħol, it-trasport tal-alkoħol, it-tneħħija mill-ħżin u l-aċċettazzjoni tal-alkoħol, il-verifika tal-kwantità tal-alkoħol, id-determinazzjoni tal-ħażniet tal-alkoħol u dwar il-mod li bih jinżammu r-rekords dwar l-alkoħol (dwar il-kontroll tal-produzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tal-alkoħol), kif emendat bid-Digriet Nru 82/2013.

Skont § 72(4) tal-Att Nru 530/2011 dwar id-dazju tas-sisa fuq xorb alkoħoliku, il-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka jistabbilixxi dan li ġej:

Artikolu I

Id-Digriet tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka Nru 537/2011 li jistipula dettalji dwar ir-rekwiżiti għall-arranġament ta' faċilità għall-produzzjoni tal-alkoħol, tagħmir għall-ipproċessar tal-alkoħol, il-ħżin tal-alkoħol, it-trasport tal-alkoħol, it-tneħħija mill-ħżin u l-aċċettazzjoni tal-alkoħol, il-verifika tal-kwantità tal-alkoħol, id-determinazzjoni tal-ħażniet tal-alkoħol u dwar il-mod li bih jinżammu r-rekords tal-alkoħol (dwar il-kontroll tal-produzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tal-alkoħol), kif emendat bid-Digriet Nru 82/2013, huwa emendat kif ġej:

1. In-nota 3 f'qiegħ il-paġna taqra kif ġej:
“³) L-Att Nru 56/2018 dwar il-valutazzjoni tal-konformità tal-prodott, it-tqegħid fis-suq ta' prodott deżinjat u l-emendar ta' ċerti atti, kif emendat.
L-Att Nru 157/2018, dwar il-metroloġija u li jemenda ċerti atti, kif emendat.
Id-Digriet tal-Uffiċċju għall-Istandards, il-Metroloġija u l-Ittestjar tar-Repubblika Slovakka Nru 161/2019 dwar l-istrumenti tal-kejl u l-kontroll metroloġiku, kif emendat bid-Digriet Nru 346/2022.”.
2. In-nota 8 f'qiegħ il-paġna taqra kif ġej:
“⁸) L-Annessi 1 u 7 tar-Regolament tal-Gvern Slovakk Nru 145/2016 dwar it-tqegħid fis-suq ta' strumenti tal-kejl, kif emendat bir-Regolament tal-Gvern Nru 328/2019.
L-Annessi 15 u 16 tad-Digriet Nru 161/2019.”.
3. Fl-§ 7, jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:
“(4) Jekk f'distillerija għall-produzzjoni ta' spirti u f'distillerija għad-distillazzjoni ta' kultivatur tal-frott ma jkunx possibbli għal raġunijiet tekniċi li wieħed jipproċedi skont il-paragrafu 3, huwa, bil-kunsens tal-uffiċċju doganali, possibbli, għall-finijiet tal-valutazzjoni organolettika tal-alkoħol u s-separazzjoni ta' frazzjonijiet mhux mixtieqa

tad-distillazzjoni u qabel ir-reġistrazzjoni tal-alkoħol bi strument tal-kejl, li jintuża strument tal-kejl tal-alkoħol li jkun strument tal-kejl ikkalibrat b'mod obbligatorju skont regolament speċjali.^{8a)} L-istrument tal-kejl tat-teħid tal-kampjuni tal-alkoħol għandu jkun kapaċi jissiġilla u jwaħħal kontatur tal-kampjun addizzjonali sabiex jivverifika li l-volum tal-kampjun tal-alkoħol ma jkunx aktar minn 0.03 litri. L-istrument tal-kejl tal-kampjunar tal-alkoħol għandu jiġi kkalibrat kull tliet snin.”.

In-nota 8a f'qiegħ il-paġna taqra hekk:

“^{8a}§ 17 tal-Att Nru 157/2018, kif emendat bl-Att Nru 58/2022.”.

4. Fl-aħħar ta' § 12(8) tiżdied is-sentenza li ġejja: “Il-proċedura skont l-ewwel sat-tielet sentenza għandha tapplika bl-istess mod jekk, f'impjant tad-distillerija għad-distillazzjoni tal-frott minn min ikabbar, tiġi segwita l-proċedura skont § 7(4).”

In-nota 11 f'qiegħ il-paġna taqra kif ġej:

“¹¹) L-Anness 57 tad-Digriet Nru 161/2019.”.

5. § 26 jaqra kif ġej:

“§ 26

Dan id-Digriet ġie adottat f'konformità ma' att legalment vinkolanti tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-istandards tekniċi u r-regolamenti tekniċi.²³⁾”.

In-nota 23 f'qiegħ il-paġna taqra kif ġej:

“²³) Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta' tal-Informatika (kodifikazzjoni) (ĠU L 241, 17.9.2015).”.

Artikolu II

Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Ladislav Kamenický
Ministru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakkja